OMBUDSMAN

MALTA

**Każ Nru CEP-22-2958**

2 ta' Ottubru 2024

Onorevoli Speaker Dr Angelo Farrugia
Kamra tad-Deputati
Pjazza Ħelsien
Valletta VLT 1111

Onorevoli Speaker

A tenur tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman qed tintbagħat lilek kopja tal-Opinjoni Finali flimkien ma' dokumenti oħra relevanti għall-każ sabiex dawn jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra għall-attenzjoni tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati.

Din l-Opinjoni tinkludi rakkomandazzjoni ta' tibdil fl-Att dwar ir-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex terzi jitħallew jappellaw minn permess taħt proċess ra' regolarizzazzjoni li jkun inħareġ taħt l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp. Din il-kwistjoni kienet anke ġiet imqajjma mill-Onorabbli Qorti tal-Appell kif issemma fl-istess Opinjoni Finali u jkun opportun li tiġi implimentata flimkien ma' kull tibdil ieħor li hemm fil-ħsieb li jsir f'din il-liġi.

Tislijiet

Imħallef Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

Perit Alan Saliba
Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar

Dokumenti annessi:
1. Ittra lill-Prim Ministru
2. Ittra lis-Segretarju Permanenti MGP
3. Risposta mis-Segretarju Permanenti MPWP
4. Ittra lis-Segretarju Permanenti MPWP
5. Ittra mis-Segretarju Permanenti MPWP
6. Ittra lis-Segretarju Permanenti MPWP
7. Opinjoni Finali

Ikkupjati:
1. Segretarju Permanenti, Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar
2. Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Ippjanar
3. Direttur Ġenerali (Kordinazzjoni u Implimentazzjoni) OPM